

Brussell, 14 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12237/22

MI 648
COMPET 704

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness in-nota tal-Presidenza għad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-Regolament dwar l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza.

Regolament dwar l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza

Il-Kummissjoni qed tressaq il-proposta tagħha għar-Regolament dwar l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza (SMEI), flimkien ma' Regolament Omnibus u Direttiva Omnibus dwar 18-il biċċa leġiżlazzjoni dwar prodotti armonizzati kif ukoll Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa", b'reazzjoni għat-tfixkil bla preċedent tas-Suq Uniku kkawżat mill-pandemija tal-Covid-19, il-Kummissjoni kienet diġà ħabbret l-intenzjoni li toħloq għodda biex jiġi kkoordinat u żgurat il-fluss liberu ta' merkanzija, servizzi u persuni, kif ukoll biex tinżamm is-solidarjetà matul il-kriżijiet.

Kif tgħallimna minn din il-pandemija, in-nuqqas ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni fil-ġestjoni tal-kriżijiet fost l-Istati Membri xekkel b'mod sinifikanti l-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-persuni u fixkel il-ktajjen tal-provvista għad-detriment tal-ekonomija. Fil-fażi inizjali, miżuri mhux koordinati rriżultaw fl-għeluq tal-fruntieri intra-UE. Dan kollu kkontribwixxa għat-tnaqqis tal-PDG tal-UE b'5.9 % fl-2020.

B'mod simili, l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja kellha wkoll impatt sinifikanti fuq il-mobbiltà tal-persuni u tal-merkanzija fl-UE fil-modi kollha tat-trasport, l-aktar minħabba sfidi loġistiċi marbuta mal-qsim tal-fruntieri u mar-restrizzjonijiet fuq l-ispazju tal-ajru. Barra minn hekk, l-influss kbir ta' refuġjati Ukreni lejn l-UE wassal għal aktar sfidi operazzjonali.

Hekk kif urew dawn il-kriżijiet reċenti, jeħtieġ li d-deċiżjonijiet jittieħdu malajr u jiġu implimentati b'mod effiċjenti, filwaqt li fl-istess ħin ikunu jistgħu jiġu aġġustati malajr għal żviluppi ġodda. Jeħtieġ li jiġu żgurati l-aċċess għal informazzjoni f'waqtha, komprensiva u strutturata b'mod ċar kif ukoll it-trasparenza fir-rigward tal-operaturi ekonomiċi kollha sabiex is-Suq Uniku jaħdem sew f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Biex jittaffew l-impatti fuq is-Suq Uniku, l-UE diġà tagħmel użu minn mekkaniżmi eżistenti, bħan-notifiki skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza jew it-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku. Għadd ta' proposti tal-Kummissjoni adottati jew ippubblikati reċentement u l-oqfsa tal-UE (l-HERA, il-proposta tal-Att dwar iċ-Ċipep, il-proposta tal-Att dwar id-Data biex insemmu xi wħud) għandhom l-għan li jistabbilixxu miżuri aktar immirati, li jiffukaw fuq ċerti aspetti tal-ġestjoni tal-kriżijiet jew li huma rilevanti għal setturi speċifiċi. Għalhekk, wieħed mill-għanijiet tal-SMEI li għadu kif ġie propost huwa li jibni fuq dawn l-għodod u jikkomplementahom sabiex jiffaċilita l-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni, is-solidarjetà u l-komunikazzjoni effettivi bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati. Huwa għandu l-għan li jsaħħaħ il-funzjonament tas-Suq Uniku u li jiżgura l-moviment liberu tal-persuni, il-merkanzija u s-servizzi f'każ ta' kriżi futura.

Il-Presidenza tistieden lid-delegazzjonijiet jibbażaw l-interventi tagħhom fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:

1. Liema huma l-elementi ewlenin tal-proposta tal-SMEI li jippermettu li tiżdied ir-reżiljenza tas-Suq Uniku?
2. Kif tara l-interkonnessjonijiet tal-proposta tal-SMEI ma' proposti oħra li qed jiġu diskussi bħalissa?
